# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 28**

**Rikors numru 69/15 JRM**

**1. Maria Assunta Pulis;**
**2. Jesmond Pulis**

**v.**

**1. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika);**
**2. L-Avukat Generali u b'digriet tas-6 ta' April 2017 issejjhet fil-kawza l-kumpanija Panta lesco Limited**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti Maria Assunta Pulis u Jesmond Pulis [ir-rikorrenti] mis-sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2019, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, wara li helset mill-harsien tal-gudizzju lill-kjamata fil-kawza bi spejjez a kariku

tal-intimati l-ohra, laqghet it-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], irrespingiet it-talba tal-istess rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u wkoll fir-rigward ir-risposti tal-intimati; u llikwidat favur ir-rikorrenti kumpens ta' €20,000 b'applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li ghandu jithallas mill-intimati *in solidum* lir-rikorrenti sabiex jinqasam ugwalment bejn l-istess, bl-ispejjez jithallsu mill-intimati.

Fatti

2. Anthony Pulis twieled f'Ottubru tal- 1947 u f'Novembru 1970 dahal jahdem mas-socjeta` Panta Lesco Limited [Panta] bhala *welder*[1]. Izzewweg lir-rikorrenti Maria Assunta Pulis f'Jannar 1971[2] u minn dak iz-zwieg twieled ir-rikorrenti l-iehor Jesmond Pulis f'Awwissu tal- 1973[3]. Hu baqa' jahdem ma' Panta sa meta rtira mix-xoghol fi Frar tal-2007 fuq talba tieghu stess minhabba ragunijiet ta' sahha kkawzati minn ugiegh f'daharu. Jghid li hadem numru ta' snin fl-Isptar San Luqa fuq kuntratt li Panta kienet hadet minghand il-Gvern sabiex tigi zarmata s-sistema tal-pajpijiet tal-*asbestos* li kienu jipprovdu l-ilma u s-shana lill-isptar[4]. F'Lulju tas-sena 2013 hu gie mgharraf li kien qed isofri mill-marda *mesothelioma*[5]. Hu miet fil-mori tal-kawza fl-eta` ta' 67 sena fl-Isptar

[1] Dok. 4 a fol. 13.
[2] Dok. 1 a fol. 4.
[3] Dok. 2 a fol. 5.
[4] Ara affidavit Dok. 5.1 a fol. 14.
[5] Dok. 3.1 a fol. 6 u affidavit Dok. 5.1 a fol. 14.

*Mater Dei* fl- 24 ta' Settembru 2015 u gie dikjarat li l-kawza tal-mewt tieghu kienet "*malignant mesothelioma withbrain and lung metastasis*"[6].

Mertu

3. Ir-rikorrenti Maria Assunta Pulis u Jesmond Pulis fethu dawn l-proceduri fil-15 ta' Settembru 2015 permezz ta' rikors biex jiksbu dikjarazzjoni illi d-drittijiet fondamentali taghhom taht l-Artikolu 2 u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], gew lezi bl-espozizzjoni ghal zmien twil ghal ammonti kopjuzi ta' asbestos fil-kors tal-impieg tal-mejjet Anthony Pulis mas-socjeta` Panta, bir-rizultat li dan wassal ghall-mewt tal-imsemmi rikorrent Anthony Pulis fil-mori tal-kawza kagun ta' *Malignant Mesothelioma*. Fir-rikors promotur taghhom ir-rikorrenti ghamlu s-segwenti talbiet relevanti ghal dan l-appell odjern:-

> "4. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mil-liema minnhom fil-konfront tar-rikorrenti individwalment;
>
> "5. Tillikwida dan l-ammontta' kumpens;
>
> "6. Tordna li l-ammont hekk likwidat bhala rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti individualment.
>
> "U
>
> "7. Tordna il-hlas ta' kwalunkwe spejjez kontratti mill-esponenti f'termini ta' damnum emergens relatati mal-kancer kontrattat minn Anthony Pulis u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta".

[6] Dok. A a fol. 30.

4. Fir-risposta taghhom, l-intimati sostnew li fil-mertu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu infondati ghar-ragunijiet li fissru fl-istess risposta u b'hekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 2 jew tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk talbu lill-ewwel Qorti sabiex tichad t-talbiet tal-istess rikorrenti.

<u>Digriet sabiex Panta tissejjah fil-kawza u r-risposta taghha.</u>

5. Fuq rikors tal-intimati l-ewwel Qorti ordnat li s-socjeta` Panta tissejjah fil-kawza ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju, u dan bi spejjez tal-istess intimati. Is-socjeta` Panta pprezentat ir-risposta taghha fit-12 ta' Mejju 2017 fejn eccepiet preliminarjament *inter alia* li hi ma kinitx il-legittimu kontradittur u fil-mertu li t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha permezz tas-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2019, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment:-

> "Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għall-ħajja u tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Ir-rikorrenti huma mart u bin Anthony Pulis li nħakem minn marda qerrieda. Wara li temm l-impieg tiegħu ma' kumpannija privata, sar jaf li hu marid b'kanċer ("*malignant mesothelioma*"). Ir-rikorrenti jgħidu li ġralu hekk minħabba li kien espost għall-*asbestos* waqt il-qadi ta' xogħlu fiż-żmien li kien

jaħdem fi sptar pubbliku bħala impjegat tal-istess kumpannija. Jgħidu li, minħabba li l-awtoritajiet naqsu li jagħtuh ħarsien u tagħrif f'waqtu biex jilqa' għall-ħsara li ġġib l-espożizzjoni tal-*asbestos*, ġarrab l-imsemmija marda li ġabitlu ħsara li ma tgħaddix u li laqtithom ilkoll b'mod sħiħ, qawwi u effettiv il-kwalità ta' ħajjithom, u mhux biss tal-vittma diretta Anthony Pulis. Għalhekk, qegħdin jitolbu li l-Qorti ssib li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom dwar ħarsien għal ħajja u ħarsien li ħajjithom ma titqegħidx f'periklu u dwar il-jedd tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja. Jitolbu r-rimedju xieraq tal-kumpens u l-likwidazzjoni tad-danni;

"Illi l-intimati Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika) u Avukat Ġenerali laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu li (a) safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni, l-azzjoni waqgħet "*ratione temporis*" għall-finijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-ġrajja li minnhom jilmintaw ir-rikorrenti seħħew qabel April tal-1987; u li (b) l-Gvern Malti ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex Anthony Pulis ma kienx impjegat ċivili imma kien impjegat ma' kumpannija – Panta Lesco Limited – li kienet marbuta li tara li l-impjegati tagħha jitħarsu minn perikli għal saħħithom fuq il-post tax-xogħol u għalhekk l-ebda wieħed mill-eċċipjenti ma kellu funzjoni diretta jew indiretta fl-allegata espożizzjoni tal-imsemmi Anthony Pulis għall-*asbestos* jew għall-konsegwenzi miġjuba mill-istess. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi qalu li r-rikorrenti jridu juru li Anthony Pulis tassew kien espost għall-*asbestos* waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu fuq is-sistema ta' pajpijiet fl-Isptar San Luqa u li kien minħabba f'hekk li ntlaqat mill-marda terminali tiegħu u mhux minħabba ċirkostanzi oħrajn li ma għandhomx x'jaqsmu max-xogħol tiegħu. Jiċħdu b'qawwa li huma jew min minnhom qatt qiegħed il-ħajja ta' xi wieħed mir-rikorrenti f'xi periklu jew li ċaħħduhom mill-jedd għal ħajjithom, u għalhekk jisħqu li, safejn l-azzjoni attriċi tintrabat ma' ksur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, it-talbiet attriċi ma għandhomx jintlaqgħu. Dwar l-ilment tar-rikorrenti li ċ-ċirkostanzi tal-kundizzjoni ta' Anthony Pulis ġabitilhom ksur tal-jedd tagħhom għall-privatezza u t-tgawdija tal-familja skond l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-intimati jgħidu li la l-imsemmi artikolu u lanqas l-ebda artikolu ieħor tal-Konvenzjoni ma jistabilixxi xi dritt fundamentali ta' informazzjoni dwar il-perikli marbuta mal-*asbestos* jew ma' xi materjal ieħor perikoluż, u għalhekk, ma seħħ lanqas l-ebda ksur tal-imsemmi artikolu;

"Illi, wara li l-kawża kienet imxiet sewwa bit-tressiq tal-provi taż-żewġ partijiet, l-intimati talbu s-sejħa fil-kawża tal-kumpannija Panta Lesco Limited li magħha Pulis kien impjegat. Fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, il-Qorti laqgħet it-talba;

"Illi l-kumpannija msejħa fil-kawża (minn issa 'l hemm imsejħa "Panta") laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li għar-rigward tal-ewwel tliet talbiet hija ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni

attriċi. Laqgħet ukoll billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u tal-ħames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-istess Kodiċi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti mhumiex mistħoqqa billi hija qatt ma naqset mill-prudenza, diliġenza jew ħarsien bħala missier tajjeb tal-familja fil-prattiċi tax-xogħol tal-impjegati tagħha jew li qatt kisret xi obbligi tagħha taħt il-liġi f'dan ir-rigward. Iżżid billi tiċħad li hija b'xi mod taħti għall-marda li ħakmet lil Anthony Pulis u saħqet li hija dejjem qabbdet nies tal-affari tagħhom biex jieħdu l-prekawzjonijiet kollha mitluba mil-liġi u mir-regolamenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien ta' saħħet il-ħaddiema tagħha u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Bla ħsara għal dan kollu, l-eċċipjenti qalet li jaqa' fuq ir-rikorrenti li juru tajjeb biżżejjed li kien hemm rabta bejn il-marda li ħakmet lil Anthony Pulis u l-ħidma tiegħu fuq il-lant tax-xogħol, u li kienet tabilħaqq l-espożizzjoni tiegħu għall-*asbestos* waqt xogħolu li wasslet għall-mewt tiegħu. Għalhekk, hija ċaħdet li hi b'xi mod marbuta li tħallas xi kumpens lir-rikorrenti bħala *damnum emergens*;

"Illi, bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li Anthony Pulis twieled f'Ottubru tal-1947. Daħal jaħdem ma' Panta f'Novembru tal-1970 bħala '*welder*'[7]. Iżżewweġ lir-rikorrenti Maria Assunta Pulis f'Jannar tal-1971[8] u minn dak iż-żwieġ twieled ir-rikorrenti l-ieħor Jesmond Pulis f'Awwissu tal-1973[9], matul iż-żmien li Pulis kien intbagħat xi sentejn hemmhekk minn Panta fuq xogħol. Anthony Pulis dejjem baqa' jaħdem ma' Panta sa ma rtira mix-xogħol fi Frar tal-2007[10] fuq talba tiegħu minħabba raġunijiet mediċi marbuta ma' lmenti ta' wġigħ f'daharu[11]. Huwa jgħid li qatta' numru ta' snin "sal-bidu tas-snin tmenin" jaħdem fl-Isptar San Luqa bħala impjegat ta' Panta, sewwasew fit-twettiq ta' kuntratt li Panta kienet ħadet mingħand il-Gvern biex jiżżarma s-sistema tal-pajpijiet tal-*asbestos* li kienu jipprovdu l-ilma u t-tisħin tal-imsemmi sptar ħalli jiddaħħal sistema ieħor minfloku[12];

"Illi Anthony Pulis jgħid li dawn il-pajpijiet kienu jinstabu fil-kantina u l-mina tal-Isptar u kienu fi kwantità kbira u li kien xogħol li ħa ħafna żmien. Kien xogħol li jitlob it-tqattigħ tal-kisjiet bl-*asbestos* tal-pajpijiet u tal-*boiler* tat-tisħin u kif ukoll il-ġarr tal-*asbestos* imqatta' lejn vetturi li mbagħad iġorruh minn fuq il-post. Dan it-tqattigħ kien iġib ħafna frak u għabra tal-*asbestos* li kemm Anthony Pulis u sħabu tal-kumpannija u kif ukoll impjegati oħrajn tal-Isptar imsemmi kienu jġorru ma' ħwejjiġhom u fuq il-persuna tagħhom;

"Illi għall-ħabta tal-ewwel nofs tal-2013, Anthony Pulis iddaħħal l-isptar għal osservazzjoni[13] wara waqgħa fil-banju[14]. Wara li saru l-interventi

[7] Dok "4", f'paġ. 13 tal-proċess
[8] Dok "1", f'paġ. 4 tal-proċess
[9] Dok "2", f'paġ. 5 tal-proċess
[10] Xhieda tar-rikorrenti Maria Assunta Pulis f'paġġ. 514 – 8 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Martin Vella f'paġ. 485 tal-proċess
[12] Affidavit tiegħu f'paġ. 14 tal-proċess
[13] Ara Dok "NB1", f'paġġ. 101 sa 117 u 137 tal-proċess
[14] Dok "NB1", f'paġġ. 152 u 161 tal-proċess

u l-aċċertamenti meħtieġa u saħansitra nżamm rikoverat l-isptar, eventwalment f'Lulju ta' dik l-istess sena[15], ħareġ li kien milqut minn "*mesothelioma*"[16] x'aktarx malinnja fil-pulmun lemini tiegħu, kif kien intwera mill-eżamijiet preliminari li sarulu xahrejn qabel[17]. Lejn l-aħħar ta' Otubru tal-2014, beda jingħata trattament kemjo-terapewtiku[18]. Huwa reġa' ddaħħal l-isptar f'Jannar tal-2015 u f'Lulju tal-2015;

"Illi fil-15 ta' Settembru, 2015, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża;

"Illi Anthony Pulis miet testat fl-età ta' sebgħa u sittin (67) sena fl-Isptar *Mater Dei* (Taqsima *SAMOC*) fl-24 ta' Settembru, 2015[19], u l-wirt tiegħu hu regolat b'testment "*unica charta*" tal-20 ta' Lulju, 2015[20]. Il-kawża tal-mewt tiegħu kienet "*malignant mesothelioma with brain and lung metastasis*";

"Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ imressaq mir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tqis l-ilmenti tar-rikorrenti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardawhom. Il-każ tar-rikorrenti jinbena fuq ksur ta' żewġ jeddijiet fundamentali tagħhom: (i) dak dwar il-ħarsien għad-dritt għall-ħajja kemm taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni; u (ii) dak dwar il-ħarsien tal-ħajja privata u tal-familja taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

"Illi qabel ma tgħaddi biex tqis dawn il-kawżali, il-Qorti jidhrilha xieraq li tqis l-**eċċezzjonijiet preliminari** mqajma kemm mill-intimati u kif ukoll minn Panta;

"Illi l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati tgħid li din il-Qorti ma tistax tisma' u tqis l-ilmenti tar-rikorrenti safejn dawn jirrigwardaw ksur ta' jeddijiet imħarsin taħt il-Konvenzjoni dwar fatti li jmorru lura għal qabel it-30 ta' April tal-1987 kif jitlob l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi dwar din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti jirribattu billi jgħidu li, għalkemm jista' jagħti l-każ li Anthony Pulis tabilħaqq seta' kien espost għall-effetti ħżiena tal-*asbestos* qabel l-1987, dan baqa' jsir ukoll wara u l-effetti ta' dak it-tniġġis baqgħu sa ma għalaq għajnejh erba' snin ilu. Jgħidu li f'dan il-każ, il-ħsara li ġarrab f'saħħtu u l-effetti li ġarrbu huma bħala d-dipendenti tiegħu kellhom effett kontinwat li żgur baqa' mtenni saż-żmien li d-dispożizzjonijiet tal-Att daħlu fis-seħħ u għal żmien twil wara;

"Illi l-imsemmi artikolu 7 jipprovdi li "*L-ebda ksur ta' l-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew ta' l-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) ta' l-Ewwel Protokoll jew ta' l-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel*

[15] Ara Dok "NB1", f'paġġ., 213 – 4 tal-proċess
[16] Ara Dok "3", f'paġġ. 6 – 12 tal-proċess
[17] Dok "NB1", f'paġ. 163 tal-proċess
[18] Dok "NB1", f'paġġ. 227 sa 277 tal-proċess
[19] Dok "A", f'paġ. 30 tal-proċess
[20] Dok "D", f'paġġ. 35 – 7 tal-proċess

*l-1 ta' April, 2002 ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4 ta' dan l-Att*";

"Illi fuq is-saħħa ta' hekk, l-intimati jgħidu li ladarba Anthony Pulis beda jaħdem ma' Panta qabel l-1987, u huwa nnifsu stqarr li kien espost għall-għabra tal-*asbestos* bejn l-aħħar tas-snin sebgħin u l-bidu tas-snin tmenin tas-seklu l-ieħor, dan ifisser li l-Qorti hija miżmuma mil-liġi li tqis ksur ta' xi jedd fundamentali mħares mill-Konvenzjoni għaż-żmien li l-ksur seta' ġara qabel dik id-data. Huma jisħqu li, minkejja kull tifsira li tista' tingħata minn xi awtorità oħra, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 huma tassattivi u jridu jitfissru kif inhuma;

"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, din l-eċċezzjoni għandha siwi x'aktarx akkademiku. Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis li wħud mill-ilmenti tar-rikorrenti jissejsu wkoll fuq id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, li għalihom l-imsemmi artikolu ma jgħoddx. Safejn, imbagħad, l-azzjoni attriċi tirrigwarda ksur ta' artikoli mħarsa fil-Konvenzjoni dak l-artikolu jrid jinftiehem ukoll kif ġie mfisser mill-Q.E.D.B. u li mhux bilfors jingħata t-tifsira li qari mad-daqqa ta' għajn tiegħu tagħti 'l wieħed x'jifhem[21]. Dan jingħad b'mod partikolari fejn ksur ta' jedd fundamentali jitqies bħala għemil kontinwat jew imtenni. Hawnhekk wieħed qiegħed jitkellem fuq ksur ta' jedd fundamentali li jittenna u mhux biss tal-effetti mtennija ta' ksur li kien sar b'għemil wieħed ta' darba[22]. Mill-provi mressqa f'din il-kawża u li l-intimati ma merewx, ħareġ li sa żmien sewwa wara li d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni daħlu fis-seħħ bħala liġi f'Malta, l-awtoritajiet Maltin ma kinux għadhom ħadu l-miżuri bażiċi meħtieġa biex iwettqu dak li kien meħtieġ għall-ħarsien xieraq ta' persuni – l-aktar ħaddiema fuq lantijiet tax-xogħol – esposti għall-*asbestos* jew l-għabra tiegħu;

"Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-imsemmija eċċezzjoni mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha bħala raġuni tajba biex ma tistħarriġx ukoll l-ilmenti tar-rikorrenti safejn dawn jinbnew fuq dispożizzjonijiet partikolari tal-Konvenzjoni;

"Illi bit-**tielet eċċezzjoni preliminari** tagħhom, l-intimati jgħidu li l-ebda wieħed minnhom ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Huma jisħqu li l-ilmenti tar-rikorrenti jippuntaw is-swaba' lejn min kien iħaddem lil Pulis – jiġifieri, Panta – u għalhekk lejn l-ebda wieħed minnhom;

"Illi r-rikorrenti jirribattu dawn l-argumenti billi jgħidu li l-intimati, bħala l-funzjonarji li jidhru għall-Istat Malti, ma jistgħux ifarfru minn fuqhom ir-responsabbiltà li kienet taqa' fuqhom biex jaraw li jitħarsu s-saħħa u l-inkolumità taċ-ċittadini privati u li jittieħdu miżuri xierqa leġislattivi biex

---

[21] Ara, f'dan ir-rigward b'eżempju, Q.E.D.B. **8.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Bezzina Wettinger et vs Malta*** (Applik. Nru. 15091/06) § 54 u Q.E.D.B. **5.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Bonici Għaxaq vs Malta*** (Applik. Nru. 26771/07) § 38

[22] Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***John Formosa et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** §§ 36 u 41

ikun żgurat li dan iseħħ. Iżidu jgħidu li dan id-dmir fuq l-Istat jiġbor fih imġiba jew attività mwettqa minn interessi privati imma li tista' tolqot ħażin il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali ta' persuni privati. Isaħħu dan l-argument billi jsemmu sentenzi, kemm tal-Qrati Maltin u kif ukoll tal-Q.E.D.B., marbuta ma' kwestjoni bħalma hija dik mertu tal-kawża tallum;

"Illi, min-naħa tagħha, Panta tgħid li x-xogħol li matulu Anthony Pulis kien ġie f'kuntatt mal-*asbestos* kien xogħol li sar fuq talba tal-Gvern ta' dak iż-żmien u kellu jitwettaq fi sptar pubbliku. Għalhekk, tisħaq li l-ebda wieħed mill-intimati l-oħrajn ma jista' jgħid li huwa mħarrek ħażin;

"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min imissu jwieġeb għal ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali hija ħaġa meħtieġa u serja. Bla ma toqgħod tidħol f'konsiderazzjonijiet mirquma, il-Qorti ssib li din il-kawża ġġib xebh ma' oħrajn bħalha li kellhom ilmenti wkoll minn ħaddiema jew qrabathom li kienu fl-istess ċirkostanzi ta' Anthony Pulis. F'uħud minn dawk il-kawżi wkoll tqajmet eċċezzjoni dwar min kellu jkun il-kontradittur leġittimu ta' azzjoni bħal din. F'dan il-każ, hemm l-aspett partikolari li Pulis kien minn dejjem impjegat ma' Panta u li din tista' titqies bħala entità maqtugħa għal kollox mill-fergħat tal-Istat Malti;

"Illi l-Qorti rat il-provi mressqa u ssib li dwar iż-żewġ intimati l-Qorti tifhimha li mhux il-każ li tqis b'tajba din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom. Jidhrilha li l-intimat Tabib Ewlieni tal-Gvern ma jistax iwarrab minn fuqu r-responsabbiltà li jilqa' għal uħud mill-premessi tar-rikors li bih ir-rikorrenti fetħu din il-kawża. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għal dawk il-premessi li fihom ir-rikorrenti jixlu lill-awtoritajiet sanitarji f'Malta b'nuqqas ta' twissijiet u teħid ta' prekawzjonijiet fuq livell nazzjonali dwar ir-riskji ta' kuntatt mal-*asbestos* jew l-għabra tiegħu u dan kemm minn min ikun waqt ix-xogħol u kemm b'ħarsien tas-soċjetà in ġenerali. Minbarra dan, l-azzjoni attriċi trid tinftiehem fil-qafas tax-xilja li l-awtoritajiet kompetenti f'Malta naqsu li jieħdu l-miżuri xierqa u f'waqthom biex saħħet in-nies titħares mill-perikli ta' mard, u dan lil hinn minn jekk dawn l-awtoritajiet kinux marbuta f'xi rabta kuntrattwali ta' mpieg mal-istess nies jew mod ieħor. F'dan ir-rigward, uħud mill-premessi li fuqhom jinbena l-każ tar-rikorrenti juru li l-intimat Tabib Prinċipali kien l-awtorità li kellha d-dmir li tagħti pariri lill-Gvern dwar il-miżuri xierqa li messhom ittieħdu (kemm amministrattivi u kif ukoll leġislattivi) biex saħħet il-persuni titħares kif jixraq. Minn dawk il-premessi jinstiltu wħud mit-talbet attriċi li, bis-saħħa ta' hekk, jorbtu b'mod dirett lill-intimati biex jikkontestawhom jekk jidhrilhom li għandhom raġun. Għalhekk, l-imsemmija eċċezzjoni safejn tirrigwarda lill-intimat Tabib Prinċipali ma hijiex tajba[23];

"Illi għal dak li jirrigwarda lill-intimat Avukat Ġenerali, jgħoddu l-istess kunsiderazzjonijiet. Uħud mill-premessi tar-rikors promotur huma xiljiet li jippuntaw lejn il-Gvern ta' Malta in ġenerali u fuq medda ta' snin, liema

---

[23] Ara. P.A. Kost JZM **15.9.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Grace Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (mhix appellata)

xiljiet ma jweġibx għalihom l-intimat Tabib Ewlieni. Dan jingħad b'mod partikolari dwar xi responsabbiltà li jsiru liġijiet xierqa biex ċittadini privati u ħaddiema – kemm fis-servizzi ċivili u kif ukoll mal-partikular – jitħarsu mill-ħsara li tiġri bl-użu ta' materjali perikolużi jew billi jkunu esposti għall-effetti tagħhom. Għalhekk, il-Qorti ssib li l-Avukat Ġenerali wkoll huwa kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

"Illi l-intimati issottomettew ukoll li r-rabta tal-kuntratt tal-impieg titfa' fuq min iħaddem ir-responsabbiltà li jipprovdi sistema ta' xogħol li jħares minn perikli . Isaħħu din is-sottomissjoni billi jiċċitaw ukoll deċiżjonijiet f'dan ir-rigward. Il-Qorti jidhrilha li tali sottomissjoni kienet tkun f'waqtha li kieku l-kawża kienet waħda 'ordinarja' ta' danni kuntrattwali jew akwiljani. Din mhijiex kawża ta' dik l-għamla u għalhekk is-sottomissjonijet tal-intimati f'dan ir-rigward ma jiswewx biex ineħħu minn fuqhom il-leġittimità passiva tagħhom biex iwieġbu għall-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mqajma mir-rikorrenti;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha lanqas, filwaqt li tqis liż-żewġ intimati bħala kontradittura leġittimi tal-azzjoni attriċi;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija msejħa fil-kawża**, hija tgħid li mhijiex il-leġittima kontradittriċi tal-azzjoni attriċi għaliex hija mhijiex l-Istat jew rappreżentant tiegħu u ma hemm l-ebda wieħed mill-ilmenti mressqa mir-rikorrenti li trid twieġeb għalih hi;

"Illi r-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni;

"Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija tajba. Għall-istess kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati, wieħed ma jistax jorbot is-sisien tal-azzjoni tallum mal-eżistenza tar-rabta kuntrattwali tal-impieg li kellu Anthony Pulis fiż-żmien li minħabba xogħolu seta' kellu kuntatt mal-*asbestos*. Huwa minnu li Panta kienet marbuta bil-liġijiet fis-seħħ minn żmien għal żmien, biex tipprovdi lill-impjegati tagħha b'tagħmir u lbies protettiv li jbiegħed minn fuqhom il-periklu marbut max-xogħol li jkunu qegħdin iwettqu. Madankollu, wara li rat l-atti tal-kawża b'reqqa, il-Qorti tifhem li, fil-qofol, l-ilmenti tar-rikorrenti jinġabru fin-nuqqas tal-Istat Malti li jaġixxi fuq it-tagħrif li kien inkiseb maż-żmien f'oqsma xjentifiċi u mediċi dwar il-ħsara li l-*asbestos* jew l-għabra tiegħu jġibu lil min imiss magħhom. F'dan ir-rigward, ma ntweriex mill-intimati b'mod xieraq kif Panta messha jew setgħet naqset lejn Anthony Pulis, meta l-fatti juru li lanqas l-Istat Malti ma kien għadu ħa l-miżuri leġislattivi jew amministrattivi biex jitwaqqaf dan ir-riskju jew biex jirregola x'irid jagħmel min iħaddem biex iħares lill-impjegati tiegħu mill-periklu msemmi;

"Illi, minħabba f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li Panta mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tar-rikorrenti u sejra teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju;

"Illi ladarba dan huwa l-każ ma jidhirx li l-Qorti għandha għalfejn tqis l-**eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni** mqajma minn Panta. Kulma tgħid biss hu li l-artikoli tal-liġi msemmija minn Panta biex jiġġustifikaw l-eċċezzjoni tagħha ma jgħoddux għal kawża dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Kieku Panta kienet waħda mill-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi, ma setgħetx tistrieħ fuq dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi biex tinħeles mir-responsabbiltà li r-rikorrenti jilmintaw minnha. Barra minn hekk, huwa wkoll magħruf li, fejn jidħlu azzjonijiet ta' ksur ta' jedd fundamentali, il-preskrizzjoni ma tgħoddx biex titfi l-azzjoni[24];

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-ilmenti **fil-mertu tat-talbiet attriċi** u l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** dwarhom;

"Illi l-ewwel kawżali tal-azzjoni tar-rikorrenti hija li huma ġarrbu **ksur tal-jedd ta' ħarsien tad-dritt għall-ħajja** (l-ewwel talba attriċi). Huma jibnu dan l-ilment kemm fuq dak li jipprovdi l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;

"Illi għal dan l-ilment, l-intimati jilqgħu billi jgħidu li huma ma għamlu l-ebda ħaġa bi ħsieb li jġibu l-mewt ta' Pulis, ladarba qatt ma kien impjegat magħhom, u lanqas kienu b'xi mod jaħtu għal dik il-mewt. Iżidu jgħidu wkoll li jaqa' fuq ir-rikorrenti li juru b'mod tajjeb biżżejjed li l-qarib tagħhom tassew ħadem fl-Isptar San Luqa f'ambjent li fih kien jiġi f'kuntatt ma' u jmiss l-*asbestos* u li l-marda li ħakmitu u l-mewt tiegħu ġraw minħabba dak il-kuntatt fuq dak il-post tax-xogħol u li ma seħħewx b'xi kawża oħra;

"Illi, safejn rilevanti għall-każ tallum, l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*(1) Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skond il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.*" L-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*(1) Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi privat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena*";

"Illi għalkemm mad-daqqa t'għajn jidher li t-termini tal-artikolu tal-Konvenzjoni huma usa' minn dawk tal-Kostituzzjoni, ma għandux ikun hemm dubju li t-tnejn li huma ndaqs iħarsu l-jedd għall-ħajja u jistgħu u

[24] Ara Kost. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXXI.i.39**) u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.56, a fol. 87**)

għandhom jitfissru l-istess[25]. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien;

"Illi l-artikoli msemmija taħt din il-kawżali jitkellmu dwar il-ħarsien tal-persuna fil-ħajja tiegħu, li huwa meqjus bħala l-ogħla jedd għaliex jolqot il-qalba tat-tgawdija tal-jeddijiet li persuna jista' jkollha u li tista' tgawdihom biss u sakemm għadha ħajja. Huma artikoli li joħolqu kemm obbligazzjoni 'passiva' fuq l-iStat (fis-sens li ma għandu jagħmel xejn biex iġarrab il-ħajja ta' persuna) u kif ukoll obbligazzjoni 'pożittiva' li jwettaq miżuri ta' fejda li jħarsu l-ħajjiet tal-persuni u jinkorporaw ir-regola tal-proporzjonalità stretta[26] li tfisser li jaqa' fuq l-Istat dmir qawwi li jħares b'mod effettiv dak il-jedd u li l-eċċezzjonijiet għalih iridu jkunu eċċezzjonali u preskritti mil-liġi b'mod ċar. Huwa stabbilit li dawn l-obbligazzjonijiet 'pożittivi' jgħoddu wkoll fil-qasam tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà pubblika, bl-Istat iwieġeb kemm għal għemejjel jew kif ukoll għal nuqqasijiet (omissjonijiet) ta' miżuri f'waqthom u ta' fejda f'dan ir-rigward[27]. Minħabba f'hekk, jidħol fis-seħħ l-aspett 'proċedurali' tal-obbligu tal-Istat li jħares ħajjet in-nies u li dan l-obbligu huwa maqtugħ għalih u awtonomu mill-obbligazzjoni sostantiva li taqa' fuq l-Istat f'każ ta' ksur tal-artikolu 2;

"Illi huwa aċċettat ukoll li l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni jgħodd ukoll fejn, għalkemm ma jkunx hemm telf tal-ħajja, jirriżultaw ċirkostanzi fejn ħajjet il-persuna tkun f'periklu imminenti jew inevitabbli[28];

"Illi f'din il-kawża l-intimati jisħqu li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd tagħhom taħt dawn l-artikoli minħabba li huma (l-intimati) ma għamlu xejn b'rieda ("xjentement") biex Anthony Pulis ġralu li ġralu. Il-Qorti ma taqbilx li dan l-argument jissarraf f'nuqqas ta' ħtija jew ksur tal-obbligu tal-Istat Malti taħt l-artikoli taħt eżami. Mit-tifsir li ngħata hawn fuq tal-firxa ta' responsabbiltà li l-artikoli relattivi jitfgħu fuq l-Istat, joħroġ ċar li ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja jista' jiġri wkoll fejn l-istess Stat jonqos li jieħu miżuri ta' ħarsien xierqa u f'waqthom li jkunu ta' ġid għal dak il-ħarsien[29]. Dan mela jfisser li t-tħaddim tal-artikoli msemmija jgħodd ukoll meta jkun hemm nuqqasijiet min-naħa tal-awtorità pubblika li ma humiex tabilfors għemejjel pre-meditati jew bil-ħsieb speċifiku li jeqirdu l-ħajja jew is-saħħa ta' dak li jkun. Dan ġie mfisser li jgħodd ukoll fejn l-Istat messu kien jaf li tenħtieġ miżura ta' ħarsien u naqas li jagħmel dan f'waqtu jew b'mod xieraq[30];

---

[25] Ara P.A. Kost. LSO **15.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Aġius vs Avukat Ġenerali et*** **(**riformata mill-Qorti Kostituzzjonali, imma mhux f'dan ir-rigward, b'sentenza mogħtija fl-**14.12.2015**)

[26] Ara. Q.E.D.B. (GC) **24.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuliani & Gaggio vs Italja*** (Applik. Nru. 23458/02) §§ 176 u 209

[27] Q.E.D.B. **13.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Trezpalko vs Polonja*** (Applik. Nru. 25124/09) § 23

[28] Q.E.D.B. **9.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Krivova vs Ukrajna*** (Applik. Nru. 25732/05) § 45

[29] P.A. Kost. JZM **31.1.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Grace Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (mhix appellata)

[30] Ara P.A. Kost. MH **23.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et*** (mhix appellata)

"Illi għalhekk, filwaqt li bħala regola l-prova li seħħ ksur tal-artikoli msemmija taqa' fuq min jallegaha u li dan jagħmlu fi grad xieraq ta' ċertezza, jista' jiġri li jkun jaqa' fuq l-Istat li juri li kien ħa l-miżuri xierqa biex jevita li jseħħ tali ksur ladarba l-persuna mġarrba jseħħilha turi li sabet lilha nnifisha f'qagħda li tinkixef jew tkun esposta għal xi periklu għal ħajjitha jew saħħitha[31];

"Illi l-intimati jressqu l-argument li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw – kif inhu mistenni minnhom – li Anthony Pulis laqqat il-marda minħabba x-xogħol tiegħu fl-Isptar hu u jaħdem ma' Panta. Jgħidu wkoll li l-każ tar-rikorrenti ma jirnexxix billi sempliċement joqogħdu jiċċitaw sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. bħallikieku din kienet teħles lil kulħadd mill-obbligu li jipprova l-każ tiegħu. Iressqu l-argument l-ieħor li wkoll jekk wieħed kellu, għall-grazzja tal-argument, jaċċetta li l-Istat naqas fil-konfront tal-qarib tagħhom, żgur ma jistax jingħad li r-rikorrenti seħħilhom juru kif naqas lilhom b'mod li ġabilhom ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja;

"Illi dwar jekk inġabitx prova li Anthony Pulis kien tassew intbagħat jaħdem fejn qal li ħadem, il-Qorti qieset sewwa l-provi mressqa. Meta l-Qorti kienet qiegħda tifli l-provi, sabet li, f'Ġunju tal-2013 (jiġifieri hekk kif dehru l-ewwel sintomi tal-marda wara li Pulis kien iddaħħal l-Isptar wara li waqa' fid-dar tiegħu), waqt li kien qiegħed jinżar minn tabib fl-Isptar, iddaħħlet dikjarazzjoni li "*Pt never worked with asbestos*"[32]. Ma jidhirx sewwa min qal hekk, u l-Qorti ma għandhiex għaliex taħseb li l-konsulent niżżel ħaġa bħal dik minn żniedu. Li kieku din kienet il-prova waħdanija, ma hemmx dubju li l-każ tar-rikorrenti kien jiddgħajjef sewwa, għallanqas fuq il-kejl tar-rabta tal-marda kiefra u terminali li laqtet lil Pulis u l-kawża tagħha marbuta max-xogħol li kien tqabbad jagħmel għal żmien twil. Madankollu, kontra dik il-prova, hemm ix-xhieda maħlufa ta' Anthony Pulis innifsu, ta' wħud minn sħab Pulis fiż-żmien rilevanti u kif ukoll ta' rappreżentanti ta' Panta nnifisha. Dawn ilkoll jagħmluha ċara li Panta kienet tabilħaqq ħadet kuntratt mill-Gvern biex tibdel is-sistema tal-ilma tat-tisħin fl-Isptar San Luqa u li dan ix-xogħol kien jirrigwarda t-tneħħija ta' meded kbar ta' kanen li minnhom jgħaddi l-ilma sħun u li kienu mdawrin b'*lagging* tal-*asbestos* biex ma tintilifx is-sħana, liema *lagging* ried jitqatta' u jinġarr barra mill-Isptar. Ħareġ ukoll li Anthony Pulis kien l-impjegat ta' Panta li l-aktar li dam fuq dak ix-xogħol għaliex kien fdat u meqjus bħala persuna li kien jagħmel xogħolu b'reqqa u b'ħila. Minn provi oħrajn, ħareġ ukoll li l-kwestjoni ta' xogħol fl-*asbestos* kienet tqajmet ukoll fuq livell sindakali, bit-*trade union* li tirrappreżenta lill-ħaddiema ta' Panta tisħaq li l-ħaddiema ma jmisshomx jibqgħu jaħdmu b'kuntatt ma' dak il-materjal wara li jgħaddi ċertu żmien;

"Illi, fil-qafas ta' dawn il-provi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti seħħilhom juru fi grad tajjeb biżżejjed kif trid il-liġi li l-marda li

[31] W A Schabas <u>The European Convention on Human Rights: A Commentary</u> (OUP 2015) pġ. 123

[32] Notament tal-konsulent Dr P J Cassar, f'Dok NB1, f'paġ. 166 tal-proċess

wasslet għall-mewt ta' Anthony Pulis kienet l-effett dirett ta' żmien twil f'xogħol f'kuntatt mal-*asbestos* jew mal-għabra ta' dak il-materjal u li dan il-kuntatt ma kienx imħares mill-perikli tat-tniġġis li jwassal għal ħsara fil-ġisem li ma titreġġax lura;

"Illi ħareġ mill-provi wkoll li ilu żmien magħruf fl-oqsma tax-Xjenza u l-Mediċina xi ħsara jġib għas-saħħa tal-bniedem l-*asbestos* jew l-għabra tiegħu meta tidħol fil-ġisem man-nifs. Daqstant ieħor, sa minn żmien qabel ma Pulis tqabbad jagħmel ix-xogħol fuq il-kanen, kien magħruf ukoll li l-fdalijet tal-*asbestos* li jidħlu fil-ġisem ma jinqalgħux u jibqgħu imqabbda fir-rita ta' organi vitali fil-bniedem li jwasslu għall-marda terminali tal-kanċer. Ħareġ ukoll li, minkejja dan l-għarfien, damu ma ttieħdu miżuri effettivi ta' prekawzjoni mill-awtoritajiet kemm biex jitwaqqaf il-kuntatt mal-materjal u kif ukoll biex saru liġijiet u regolamenti li jikkontrollaw l-użu tal-materjal u l-periklu tal-kuntatt miegħu[33];

"Illi mill-istess provi (li l-intimati bl-ebda mod ma merew) ħareġ ukoll li Anthony Pulis ħakmitu marda li hija marbuta sfiq mal-effetti tal-kuntatt mal-*asbestos* jew l-għabra tiegħu[34]. Hija marda li sallum għaliha ma hemmx fejqan u lanqas kura u spiċċat biex, f'medda ta' ftit aktar minn sena u nofs, barmet lill-istess Pulis li ħalliena ftit jiem wara li nfetħet din il-kawża, kif jidher sewwa mill-kawża tal-mewt tiegħu imsemmija fiċ-Ċertifikat tal-Mewt tiegħu. Mill-ħafna provi mressqa f'din il-kawża, ħareġ ukoll li, sakemm dam jiflaħ, Pulis ma ħadem ma' ħadd aktar milli ma' Panta u l-aħħar impieg tiegħu kien ma' dik il-kumpannija. B'mod partikolari, Pulis ma ħadimx f'impiegi li setgħu ġabulu dik il-marda u lanqas kien imdaħħal f'attività oħra li setgħet ġabitu f'kuntatt ma' dak il-materjal perikoluż;

"Illi huwa minnu, kif jirrilevaw l-intimati, li r-rikorrent intebaħ bil-marda li ħakmitu xi snin wara li kien temm l-impieg tiegħu, imma l-Qorti hija tal-fehma li dan ma jaqtax ir-rabta kawżali bejn il-kundizzjonijiet li kien jitqiegħed fihom waqt ix-xogħol tiegħu u l-effetti li wasslu biex, fl-aħħar, il-marda turi s-sintomi tagħha u toħroġ fid-dieher bl-effetti terminali li ġabet magħha;

"Illi meta jinġabru dawn il-kunsiderazzjonijiet flimkien, il-Qorti ssib li toħroġ ċara l-qagħda fejn Anthony Pulis kien tqiegħed b'mod sistematiku u għal tul ta' żmien f'kuntatt mal-*asbestos* jew mal-għabra tiegħu u li dan kien qiegħed iġiblu bil-mod il-mod ħsara li ma titreġġax lura f'saħħtu. Dan kollu kien qiegħed iseħħ meta l-awtoritajiet f'Malta kienu jafu dwar l-effetti perikolużi ta' dan il-materjal fuq saħħet il-bniedem u li, minkejja dan l-għarfien, ma tnedewx miżuri b'serjetà u f'waqthom li setgħu jrażżnu l-ħsara li kienet qiegħda tiġri, jgħarrfu lin-nies b'mod effettiv b'dik il-ħsara jew iħarsu lil dawk milquta milli jintlaqtu b'effetti hekk radikali f'saħħithom[35];

---

[33] Ara d-Dokti "JGX1" u "JGX2", f'paġġ. 57 sa 63 tal-proċess
[34] Ara d-dokti "LB1" sa "LB3" f'paġġ. 248 sa 855 tal-proċess
[35] P.A. Kost AF **2.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmond Balzan et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (appellata)

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li r-rikorrenti seħħilhom jippruvaw fi grad xieraq kemm li dak li ġralu Anthony Pulis kellu rabta diretta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol li kien suġġett għalihom b'kuntatt mal-*asbestos* jew l-għabra tiegħu u kif ukoll li l-intimati, bħala rappreżentanti l-awtorità pubblika, naqsu li jimxu b'għaqal u f'waqtu biex iħarsu lir-rikorrent u lil min kien bħalu bil-għan li jiskansawh milli jiġi fiex ġie;

"Illi għalhekk il-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet magħmula mill-intimati f'dan ir-rigward ma jistgħux jintlaqgħu għaliex ma huwiex minnu li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw ix-xiljiet tagħhom jew li straħu biss fuq sottomissjonijet fl-arja;

"Illi l-Qorti ma ssibx li għandha taċċetta lanqas s-sottomissjoni tal-intimati li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Ladarba Anthony Pulis miet b'riżultat tal-marda li ħakmitu, ladarba r-rikorrenti mart u bin l-istess Pulis għandhom leġittimazzjoni attiva in kwantu qrabatu, allura huma wkoll jistgħu jitqiesu li ġarrbu ksur tal-jedd li dwaru jilmintaw[36]. Kif sejjer jingħad 'il quddiem, minn mindu ħarġu f'Anthony Pulis is-sintomi tal-marda kiefra u terminali li ħakmitu, il-ħajja tar-rikorrenti ma baqgħetx l-istess, mhux biss fuq il-livell affettiv jew emozzjonali, imma wkoll fuq dak ekonomiku u soċjali fi ħdan ta' familja;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tad-dritt għall-ħajja kif imħares kemm taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;

"Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' **l-ewwel talba attriċi** għaliex tirriżulta mistħoqqa u ippruvata kif imiss u tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu mqajmin kontra dik it-talba;

"Illi r-rikorrenti sejsu l-azzjoni tagħhom ukoll fuq ilment ta' ksur tal-**jedd għall-ħajja privata u l-familja** li r-rikorrenti jressquh taħt żewġ talbiet (it-tieni u t-tielet talbiet attriċi) taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Fl-ewwel minn dawk iż-żewġ talbiet, ir-rikorrenti jridu li l-Qorti ssib li ġarrbu ksur tal-jedd għar-rispett għall-ħajja privata tagħhom b'mod ġenerali, filwaqt li fit-tieni minn dawk iż-żewġ talbiet iridu li l-Qorti ssib li ġarrbu ksur tal-jedd għar-rispett għall-ħajja privata "f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt għall-informazzjoni dwar il-perikli marbutin mal-asbestos";

"Illi l-intimati jwarrbu dawn it-talbiet billi jgħidu li mkien ma jitfisser kif u b'liema mod l-Istat indaħal fil-ħajja privata tar-rikorrenti, jew ta' min minnhom, jew kif il-fatt li Anthony Pulis kien intlaqat minn marda kiefra jissarraf f'indħil bħal dan;

[36] Ara, f'dan ir-rigward, Q.E.D.B. **24.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nru. 60908/11) § 87

"Illi l-Qorti tqis li fid-dawl tal-fatt li qieset l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja u sabet li dak l-ilment kien mistħoqq, u ladarba wkoll ġara li, fiż-żmien li kienet miexja din il-kawża, seħħet il-mewt ta' Anthony Pulis, ma huwiex il-każ li tistħarreġ dawn iż-żewġ talbiet. Jidher li, f'każijiet fejn persuni milquta mill-marda li ħakmet lil Pulis mietu minħabba fiha, il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja jixorbu fihom kunsiderazzjonijiet ta' lment ta' ksur għad-dritt imħares fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni[37];

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tastjeni milli tqis dawn iż-żewġ talbiet attriċi u l-eċċezzjoni fil-mertu dwarhom minħabba l-kunsiderazzjonijiet u s-sejba ta' ksur ta' jedd fundamentali magħmula taħt l-ewwel talba attriċi;

"Illi fin-nota ta' sottomissjoinijiet tagħhom[38], ir-rikorrenti qajmu l-pretensjoni li ġarrbu ksur ukoll tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikoli 6, 13, 14, 41, u l-artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni;

"Illi l-intimati jgħidu li ħaġa bħal din hija irritwali u l-Qorti ma jmisshiex tqishom. Madankollu, xorta waħda għaddew biex ressqu sottomissjonijiet biex jirribattu l-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni[39];

"Illi l-Qorti tqis li hija trid taqta' l-kawża fuq it-talbiet li jsirulha u fuq dak li joħroġ mill-provi. Nota ta' Sotomissjonijiet ma tikkostitwix prova u ma tqisx li għandha tistħarreġ ksur individwali taħt l-imsemmija artikoli billi dawn ma jinsabux fost it-talbiet li saru fir-rikors promotur. Jidher ukoll li dik is-sottomissjoni tar-rikorrenti saret bħala parti mill-argumenti tagħhom dwar il-kumpens li din il-Qorti jmissha takkordalhom talli ġarrbu l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, aktar milli biex tqishom bħala kawżali oħrajn ġodda ta' ksur tal-jeddijiet tagħhom minħabba dak li ġarrab Anthony Pulis;

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti mhijiex sejra tistħarreġ jekk seħħx ksur tal-artikoli tal-Konvenzjoni li ssemmew l-ewwel darba mir-rikorrenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

"Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba jeħtieġ li tgħaddi biex tqis ir-**raba' talba attriċi**. Biha r-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tikkwantifika l-kumpens xeraq bħala rimedju għall-ksur stabblit tal-jeddijiet tagħhom;

"Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom[40], l-intimati jgħidu li r-rimedji li tista' u jmissha tagħti din il-Qorti f'każ li ssib li jkun inkiser xi jedd fundamentali bħal dawk li dwarhom jilmintaw ir-rikorrenti għandhom ikunu rimedji ta' "kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għall-opportunità mitlufa" u jwarrbu għal kollox il-pretensjonijiet tar-rikorrenti msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-kumpens minn azzjonijiet imsejsa fuq id-delitt jew il-kważi-delitt taħt il-Kodiċi Ċivili u fuq il-kejl li s-soltu

---

[37] Ara ***Brincat et vs Malta*** §§ 85 u 102
[38] Paġ. 595 tal-proċess
[39] Paġġ. 609 – 610 tal-proċess
[40] Paġġ. 610 – 2 tal-proċess

jitħaddem f'kawżi għad-danni mressqa taħt dawk id-dispożizzjonijiet quddiem il-Qrati ta' kompetenza ċivili. F'dan ir-rigward, l-intimati jisħqu li jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha ssib li tassew seħħ ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti, ikun biżżejjed li l-Qorti tagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens bħala rimedju xieraq. Iżidu jgħidu li r-rikorrenti ma kien iżommhom xejn milli jieħdu passi għal risarċiment taħt il-liġi "ordinarja" kontra Panta, bħala l-prinċipal li kien iħaddem lil Pulis;

"Illi l-Qorti tagħraf li l-għoti ta' rimedju għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali jrid ikun kompatibbli mal-għamla ta' azzjoni li taħtha r-rimedju jintalab. L-ewwel u l-aqwa rimedju jixraq ikun it-twaqqif tal-ksur li jkun jew il-prevenzjoni ta' ksur li hemm il-biżgħa li jista' jseħħ. Iżda fejn ikun seħħ ksur diġà jew fejn ir-rimedju ma jistax jitwettaq billi jitreġġa' lura l-għemil li jkun ġab tali ksur, irid jingħata kumpens li jneħħi l-effetti tal-ksur u jagħti, safejn possibbli, ir-"*restitutio in integrum*" kemm jista' jkun daqslikieku l-ksur ma seħħx[41]. Ġieli f'xi każijiet, dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali titqies biżżejjed. Imma f'każ ta' ksur ta' wħud mill-jeddijiet – bħall-jeddijiet għall-ħarsien paċifiku u t-tgawdija tal-possedimenti, jew fil-każ ta' ksur ta' jedd għall-ħelsien mill-arrest arbitrarju jew illegali – il-kumpens fi flus ikun ir-rimedju l-aktar xieraq li jista' jingħata, għalkemm dan xorta waħda jrid jitqies minn każ għal każ. Il-Qorti temmen li dan jgħodd ukoll għall-każ li għandha quddiemha fejn il-ħsara li seħħet minħabba l-ksur ta' jedd fundamentali li l-Qorti sabet li seħħ – u li wassal għall-mewt ta' Anthony Pulis – ma tistax titreġġa' lura;

"Illi l-Qorti tqis li ġie stabbilit li hemm tliet (3) "kriterji ċentrali u kumulattivi"[42] li jħarsu l-għamla ta' rimedju li jmissu jingħata f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali u fejn l-għoti ta' kumpens ikun ir-rimedju xieraq għal tali ksur. Dawn il-kriterji huma: (i) li s-sistema ġuridika ordinarja ma tagħtix rimedju xieraq; (ii) li jkun hemm rabta kawżali bejn il-ksur tal-jedd u t-telf li dwaru jintalab il-kumpens; u (iii) l-aktar f'każijiet fejn titressaq talba għall-ħlas ta' danni mhux pekunjarji (danni morali), irid jirriżulta grad xieraq ta' gravità tat-telf innifsu. Fil-każ ta' dan l-aħħar kriterju, tqies li, f'kawżi fejn jidħlu l-ansjetà u t-tbatija li ma jkunux ta' "gravità eċċezzjonali, m'hijiex ir-regola li jingħata kumpens għad-danni mhux pekunjarji"[43];

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u wkoll ta' dak li qieset il-Q.E.D.B. fil-każ fuq imsemmi li tressaq quddiemha minn Malta, jingħad li fejn joħroġ ksur tal-artikolu 2 jew 3 tal-Konvenzjoni għandu dejjem jingħata kumpens bħala ħlas ta' danni mhux pekunjarji bħala rimedju[44];

---

[41] Kost. **5.7.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Gatt et vs Avukat Ġenerali et*** paġ. 22
[42] Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** § 15
[43] Ara Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuela Caruana et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** § 21
[44] Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Rosaria Fenech et vs Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika) et*** § 16

"Illi b'rabta mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, iridu jitqiesu wkoll fatturi u ċirkostanzi oħrajn li jistgħu jgħinu biex ikun determinat l-ammont xieraq ta' kumpens u biex, kemm jista' jkun, jintuża kejl konsistenti f'kawżi li jixxiebhu. Fost dawn il-kriterji, wieħed isib (a) it-tul taż-żmien tal-marda li laqtet lil Anthony Pulis qabel ġie nieqes, (b) l-ansjetà u t-tbatija li ġarrbu r-rikorrenti f'dan il-każ matul l-imsemmija marda, u (ċ) l-età tal-persuna milquta mill-marda, b'mod li aktar ma l-persuna tkun għadha żgħira fl-età, akbar ikun l-ammont ta' kumpens li jingħata bħala dannu morali;

"Illi fil-każ tallum, Anthony Pulis miet ta' sebgħa u sittin (67) sena u madwar sena u ħdax-il xahar wara li feġġew l-ewwel sintomi tal-marda terminali tiegħu. Dak iż-żmien kien ilu li rtira mix-xogħol madwar sitt (6) snin, minħabba kawża (uġigħ f'dahru) li ma jidhirx li kellha x'taqsam b'xi mod mal-marda li ħasditu. Mill-provi ħareġ li hu ma kienx qiegħed iwettaq aktar xogħol bi ħlas u kien igawdi minn pensjoni. Billi rtira mix-xogħol qabel ma kien laħaq l-età tal-irtirar, beda jrċievi pensjoni ta' diżabilità[45], u, b'seħħ minn meta laħaq l-età ta' rtirar beda jieħu l-pensjoni sħiħa għal madwar ħames snin qabel miet[46]. L-Istat Malti kien iħallsu wkoll għajnuna medika (għal tmien snin)[47], għajnuna supplimentari (għal sentejn)[48] u kif ukoll ingħata ħlas ta' darba ("*disablement gratuity*") fis-somma ta' € 4547.14 ħames xhur qabel miet[49]. Fil-każ tal-aħħar żewġ suriet ta' għajnuna jew kumpens, irriżulta[50] li dawn kienu marbuta mal-kundizzjoni medika tiegħu u mhux minħabba l-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali li kien wettaq kemm dam jaħdem;

"Illi Anthony Pulis kellu familja magħmula miż-żewġ rikorrenti. Il-ftit xhur li qatta' jissielet mas-sintomi progressivi tal-marda ħalliet tabilfors effett trawmatiku fuq martu r-rikorrenti u r-rikorrenti l-ieħor, binhom. Binhom jaħdem barra minn Malta u għalhekk iqatta' żmien twil 'il bogħod mid-dar tal-ġenituri[51];

"Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jisħqu ħafna fuq kemm kien mistenni li jdum ħaj Anthony Pulis li kieku l-marda ma ħakmitux. Huma jgħidu li, fuq is-saħħa ta' statistika uffiċjali demografika li wieħed jista' joqgħod fuqha, ma kien ikun xejn bi kbir li Pulis kien jgħix 'il fuq minn tmenin (80) sena. L-intimati jmieru b'qawwa kemm l-imsemmi argument u kif ukoll l-estrapolazzjoni tal-istatistika għall-każ konkret ta' Pulis;

[45] Dok "IC1", f'paġ. 473 tal-proċess
[46] Dok "IC2", f'paġ. 474 tal-proċess
[47] Dok "IC3", f'paġ. 475 tal-proċess
[48] Dok "IC4", f'paġġ. 476 tal-proċess
[49] Dok "IC5", f'paġ. 477 tal-proċess
[50] Xhieda ta' Ivan Ċilia f'paġġ. 482 – 3 tal-proċess
[51] Affidavit tar-rikorrenti Maria Assunta Pulis (Dok "JGA"), f'paġ. 64 tal-proċess

"Illi l-Qorti tqis li meta tiġi biex tqis l-ammont ta' kumpens imqar dak mhux pekunjarju, ma tistax toqgħod fuq spekulazzjonijiet[52] li ma jistgħu jintrabtu ma' ċirkostanzi tanġibbli lil hinn minn statistika astratta. Il-fatt hu li sa ma ħarġu l-ewwel sintomi tal-marda qerrieda li laqtet lil Anthony Pulis, hu u r-rikorrenti kienu jgħixu ħajja normali sa ma laqtitu l-marda. Minn hemm 'il quddiem, naturalment, żdiedet il-pressjoni fuq ir-rikorrenti u żewġha f'dak li kellu x'jaqsam ma' dħul u ħruġ fl-isptarjiet, limitazzjonijiet fil-mobilità tal-pazjent u t-tqabbid ta' għajnuna minn qraba biex wieħed ilaħħaq mal-iskariġġ li nqala' f'dan ix-xenarju ġdid;

"Illi wara li ħadet qies ta' dan kollu il-Qorti jidhrilha li għandha tillikwida kumpens mhux pekunjarju dovut lir-rikorrenti f'ishma ndaqs bejniethom fis-somma ta' għoxrin elf euro (€20,000) u liema somma trid titħallas mill-intimat Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u l-intimat Avukat Ġenerali flimkien u solidalment bejniethom;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-**ħames u s-sitt talbiet** attriċi;

"Illi fis-**seba' talba attriċi** r-rikorrenti jridu li din il-Qorti tordna li l-intimati jħallsuhom "kwalunkwe spejjeż kontratti mill-esponenti f'termini ta' *damnum emergens*";

"Illi l-Qorti tqis li, lil hinn mill-kwestjoni dwar liema danni jridu jingħataw f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, meta dawn jintalbu fi proċedura bħal din tallum dwar ksur ta' jedd bħal dak, joħroġ ċar li din it-talba ma tistax tintlaqa'. Fl-ewwel lok, l-atturi ma taw l-ebda ħjiel ta' xiex kien jikkonsisti tali nfieq. Fit-tieni lok, ħareġ li Anthony Pulis kien ħa l-kura tiegħu fl-Isptar pubbliku fejn, wieħed jifhem, ma kien jintalab l-ebda ħlas u fejn is-servizzi u ż-żamma tiegħu ma kinux isiru bi ħlas. Fit-tielet lok, ħareġ mill-provi wkoll li l-Istat Malti kien qiegħed jikkumpensa b'għajnuna soċjali lil Pulis minħabba l-qagħda medika tiegħu sa ma dan għalaq għajnejh u li dik l-għajnuna ma jistax ikun li ma ibbenefikatx minnha wkoll martu r-rikorrenti. Għalhekk, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar likwidazzjoni ta' kumpens għal danni reali ma jistgħux lanqas jitqiesu f'din l-istanza u jibqa' bla mittiefes il-jedd tagħhom li jressqu dawn il-pretensjonijiet fi proċeduri oħrajn jekk ikun il-każ".

## L-Appell

7. Ir-rikorrenti pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat 12 ta' Frar, 2019, fejn spjegaw li l-aggravji taghhom huma tlieta: (a) ma

[52] Ara Q.E.D.B. (GC) **30.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Oneryildiz vs Turkija*** (Applik. Nru. 48939/99) §§ 166 u 171

gewx likwidati danni reali; (b) ma kienx ittiehed in konsiderazzjoni t-telf reali konsistenti f'ghajnuna fil-manutenzjoni tad-dar u f'ghajnuna prattika; (c) l-ammont ta' danni non-pekunjarji kellu jizdied ghal aktar minn dak ta' €30,000 stabbilit mill-ewwel Qorti. Ghalhekk talbu lil din il-Qorti:

> "…sabiex filwaqt li tikkonferma il-lezjoni tal-Art. 33 tal-Kostituzzjoni u l-art. 2 tal-Konvenzjoni skont is-sentenza appellata tat- 31 ta' Jannar,2018 fl-ismijiet su-premessi:
>
> 1) "tillikwida id-danni reali kollha sofferti mill-applikanti li a bazi ta' ekwita m'ghandhom ikunu anqas minn E60,000 (4,000 ghal kull sena – somma ragonveoli ghall-kollox);
>
> 2) "tawmenta u takkorda lir-rikorrenti kumpens morali li jissupera it-tletin elf euro E30,000.....".

8. Permezz tar-risposta taghhom tat-22 ta' Frar 2019, l-intimati osservaw li l-okkju tar-rikors tal-appell ma kienx jirrifletti dak tas-sentenza appellata[53]. Ir-rikorrenti kienu wkoll hadu zball fis-somma li kienet giet likwidata mill-ewwel Qorti, li kienet dik ta' €20,000 u mhux ta' €30,000. Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, l-intimati qeghdin isostnu li s-sentenza appellata kienet gusta u kienet timmerita konferma ghar-ragunijiet li spjegaw fl-imsemmija risposta taghhom u l-appell kellu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti.

L-Aggravji

9. Il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tqies l-aggravji mressqa mir-rikorrenti, b'dana li l-ewwel zewg aggravji ser jigu meqjusa flimkien

[53] Din giet sorvolata biz-zieda awtorizzata maghmula fit-12 ta' Frar 2019

minhabba li l-konsiderazzjonijiet ghandhom ikunu rilevanti ghal dawn iz-zewg aggravji.

*L-ewwel aggravju:* *[ma giex likwidat kumpens ghat-telf reali]*

*It-tieni aggravju:* *[ma ttiehidx in konsiderazzjoni t-telf reali min-nuqqas ta' ghajnuna fil-manutenzjoni tad-dar u ghajnuna prattika]*

10. Ir-rikorrenti qeghdin jghidu li t-talba taghhom fir-rikors promotur ma kinitx biss ghal danni mhux pekunjarji. Jispjegaw li r-rikorrenti martu llum qed ikollha tqabbad terzi sabiex jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fid-dar taghha izda meta zewgha l-mejjet Anthony Pulis kien ghadu haj, hu kien jaghmel dan ix-xoghol. Isostnu li t-talba taghhom ghal likwidazzjoni xierqa, ampja u gusta hi skont il-principju ta' *restitutio in integrum* u wkoll a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Wara kollox tezisti biss Prim'Awla wahda b'setgha li tillikwida kemm danni reali u dawk morali.

11. Min-naha taghhom l-intimati sewwa josservaw li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova ghal dan it-telf li qeghdin isostnu li batew.

12. Din ukoll kienet l-osservazzjoni principali tal-ewwel Qorti. Dik il-Qorti ddikjarat li minghajr ma tidhol fil-kwistjoni ta' liema danni kellhom jinghataw fejn jinstab ksur tal-jeddijiet fundamentali, kien jidher bic-car li t-talba tar-rikorrenti ghal likwidazzjoni ta' kumpens ghal danni reali ma

setghetx tintlaqa. Dan ghal tlett ragunijiet: (a) ir-rikorrenti ma tawx hjiel ta' dak li jikkonsisti l-infieq taghhom; (b) mill-provi rrizulta li Anthony Pulis kien inghata kura fl-Isptar pubbliku u kien qed jinftiehem li ma kien intalab l-ebda hlas u ma kien ghamel l-ebda hlas; (c) l-Istat Malti kien ikkumpensa lil Anthony Pulis, u dan sal-gurnata tal-mewt tieghu, b'ghajnuna socjali li minnha ma setax ikun li ma bbenefikatx ir-rikorrenti martu.

13. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dawn iz-zewg aggravji principalment ghaliex, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, ir-rikorrenti naqqsu milli juru x'kien it-telf reali taghhom bhala rizultat tal-mewt ta' Anthony Pulis. Il-Qorti rat ix-xhieda permezz tal-affidavit tar-rikorrenti martu[54] u wkoll ix-xhieda taghha in kontro-ezami[55], u x-xhieda tar-rikorrent ibnu[56], izda ma ssib xejn li jitfa' dawl fuq it-telf reali li jghidu li garrbu. Fir-rigward tal-ispejjez ta' xogholijiet ta' manutenzjoni li l-armla kellha taghmel fid-dar konjugali wara l-mewt ta' zewgha jigi osservat li, apparti milli ma sarux provi dwar dawn l-ispejjez, jonqos ir-rekwizit tal-kawzalita` bejn il-marda ta' zewgha u dawn l-ispejjez. Inoltre, ma jirrizultax illi li kieku zewgha ma mietx dawn ix-xogholijiet kien ser jaghmilhom hu u mhux iqabbad terzi biex jaghmluhomlu, *multo magis* meta wiehed iqis li hu kien qed javvanza fl-eta`. Hu evidenti ghalhekk, li r-rimedju mertu ta' dan l-appell ghandu jikkonsisti biss f'dak non-pekunjarji ossia danni morali.

---

[54] A fol. 64.
[55] A fol. 513 sa 522.
[56] A fol. 523 sa 524.

14. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

*It-tielet aggravju: [id-danni non-pekunjarji ghandhom ikunu f'somma akbar]*

15. Ir-rikorrenti jispjegaw dan l-aggravju tagghom billi jissottomettu li skont il-WHO, il-hajja medja ta' ragel Malti hi ta' madwar 85 sena. Huma jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Brincat v. Malta** fejn jghidu li grupp ta' aktar minn ghoxrin persuni ta' etajiet differenti u li s-sahha taghhom kienet giet affettwata mill-*asbestos* kienu nghataw kumpens mhux pekunjarju fis-somma ta' €9,000 kull wiehed, filwaqt li tlett familjarji ta' vittma li miet kawza tal- *asbestos* inghataw flimkien danni mhux pekunjarji fis-somma ta' €30,000. L-istess kumpens inghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern et**[57]. Huma jishqu fuq il-principju fundamentali tad-dritt ta' *bona fidi* li ghandu jigi osservat u applikat mill-Istat fir-rigward ta' kull trattat, ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja. Isostnu li fil-likwidazzjoni tal-kumpens ghandu jigi meqjus il-livell ta' ghajxien tal-post, izda wkoll meta tigi kkonsidrata d-differenza fil-livell ta' ghajxien bejn Malta u pajjizi ohra, l-ammont ta' kumpens likwidat mill-

[57] 31 Jannar 2017.

ewwel Qorti ta' €20,000 kien wiehed baxx u jispjegaw kif fl-Italja u fir-Renju Unit dawn jigu kkalkolati f'ammont akbar. L-ahhar sottomissjoni taghhom hi li d-decizjoni tal-Qorti fil-likwidazzjoni ta' danni morali ghandha thalli effett, ossia tinhass, kemm mill-vittmi kif ukoll minn min ikun kiser il-jedd taghhom.

16. L-intimati min-naha taghhom jiddikjaraw li l-ammont ta' €20,000 likwidat bhala kumpens dovut lir-rikorrenti, hu wiehed konsiderevoli. Huma jsostnu li l-ewwel Qorti fis-sentenza erudita taghha waslet ghal-likwidazzjoni in kwistjoni wara li kienet xtarret fil-fond il-fatti, u sahansitra kkonsidrat l-elementi tal-kaz kif imqabbel ma' diversi sentenzi ohra.

17. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjonijiet maghmulin mill-intimati u tinnota li l-ewwel Qorti ghamlet l-osservazzjonijiet mirquma taghha fid-dawl tas-sentenzi moghtija minn din il-Qorti f'kazijiet simili. Qabel xejn l-ewwel Qorti gharfet il-principju li ghandu jinghata kumpens bil-ghan li jnehhi l-effetti tal-ksur u jaghti sa fejn hu possibbli *restitutio in integrum.* Qieset li kienu gew stabbiliti tlett *"kriterji centrali u kumulattivi"* li ghandhom jitqiesu fil-konsiderazzjoni tal-ghamla tal-kumpens li ghandu jinghata: (a) is-sistema ordinarja ma taghtix rimedju xieraq; (b) ikun hemm rabta kawzali bejn il-ksur tal-jedd u t-telf li ghalih jintalab kumpens; u (c) jirrizulta f'grad ta' certu gravita` t-telf, l-aktar f'dawk il-kazijiet fejn jintalbu danni mhux pekunjarji. Ikkonsidrat li fejn ikun hemm ksur tal-

Artikolu 2 jew 3 tal-Konvenzjoni, ir-rimedju li kellu jinghata kien dak ta' kumpens ghal danni mhux pekunjarji. Gharfet ukoll li kien hemm fatturi u cirkostanzi ohrajn li jistghu jghinu biex jigi stabbilit l-ammont xieraq ta' kumpens tenut ukoll in konsiderazzjoni l-kumpens stabbilit f'kawzi li jixxiebhu: (a) it-tul taz-zmien tal-marda; (b) l-ansjeta` u t-tbatija tar-rikorrenti matul il-mard; (c) l-eta` tal-vittma fid-data tal-mewt.

18. L-ewwel Qorti osservat is-segwenti fatti qabel ma waslet ghall-kumpens dovut:

(i) Anthony Pulis miet ta' 67 sena, madwar sena u hdax-il xahar wara li deheret il-marda;

(ii) kien ilu li rtira mix-xoghol madwar 6 snin minhabba ragunijiet ta' sahha li ma jidhirx li kellhom x'jaqsmu mal-marda;

(iii) kien qed jircievi pensjoni ta' dizabilita` sal-eta` tal-irtirar meta mbaghad beda jircievi l-pensjoni shiha ghal madwar hames snin qabel ma miet;

(iv) l-Istat Malti kien ihallsu ghajnuna medika ghal madwar tmien snin, ghajnuna supplimentari ghal madwar sentejn u rcieva wkoll hlas ta' darba fis-somma ta' €4547.14.

(v) Anthony Pulis kellu familja, jigifieri l-mara u binhom, u minghajr dubju l-marda kellha effett trawmatiku fuqhom ukoll, ghalkemm binhom kien jghix ‘il boghod mid-dar taghhom.

19. Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar kemm kien mistenni li jdum haj Anthony Pulis li kieku ma hakmitux il-marda qerrieda, l-ewwel Qorti qieset li hi ma setghetx tistrieh fuq spekulazzjonijiet sabiex tasal ghall-ammont ta’ kumpens ukoll dak mhux pekunjarju. Ikkonsidrat li saz-zmien fejn bdew jitfaccaw is-sintomi tal-marda tieghu, Anthony Pulis u l-familja tieghu kienu jghixu hajja normali, izda minn hemm ‘il quddiem ix-xena tbiddlet. Hawn l-ewwel Qorti ddikjarat li wara li qieset dan kollu kien jidhrilha li l-kumpens pagabbli mill-intimati lir-rikorrenti f’ishma ndaqs bejniethom kellu jkun ta’ €20,000.

20. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula, din il-Qorti tqies li l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju ferm sew u xieraq sabiex waslet ghal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut. Ma jirrizultax li dik il-Qorti halliet barra xi kriterju jew xi fattur determinanti u bil-ghan li ma ssirx ripetizzjoni tal-kunsiderazjonijiet taghha, din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-kumpens likwidat qed jitqies bhala wiehed xieraq u gust kif ser jigi spjegat ahjar.

21. Huwa pacifiku illi meta tinsab lezjoni ta’ dritt protett mill-Kostituzzjoni, il-mira primarja tar-rimedju tkun, generalment, il-waqfien tal-lezjoni, u l-konsiderazzjoni ta’ kumpens tkun ta’ importanza sekondarja, tant illi l-kumpens m’huwiex moghti f’kull kaz fejn tigi riskontrata lezjoni. Daqstant iehor huwa pacifiku illi l-qorti fil-funzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha s-setgha illi tipprovdi ghall-hlas ta’ danni sew pekunjarji, sewwasew morali jew non-pekunjarji, b’zieda mar-rimedju li jista’ jkun moghti meta dan ir-rimedju jista’ ma jkunx wiehed shih u ma jaghmilx gustizzja f’dak il-kaz u meta d-dikjarazzjoni wahedha ta’ ksur, jew il-waqfien tal-lezjoni, ma jkunux sufficjenti. Hawnhekk tqum il-htiega li l-vittma tigi kkumpensata ulterjorment ghat-telf li tkun soffriet.

22. F’dawk il-kazjiet fejn gie ritenut li jkun opportun u indikat li jsir ordni ghall-hlas ta’ kumpens ghal danni pekunarji u/jew non-pekunjarji, din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali u tal-Qorti ta’ Strasburgu, identifikat b’mod generali, tliet kriterji centrali u kumulattivi kif osservat l-ewwel Qorti u kif spjegati fil-qosor aktar ‘il fuq f’din is-sentenza.

23. Issir referenza in propositu ghas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Generali, u Maltapost plc (C22796)**, fejn din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti f’materja ta’ kumpens:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni.
> …
> Kif inghad fis-sentenza *Amato Gauci v. Malta* deciza fil-15 ta' Settembru 2009, "*Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied* (ibid., § 249). ……..( para 80)."

24. Illum, u minhabba l-fattispecje tal-kaz odjern, din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi ma tistax ma tiehux konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu **Brincat and others v Malta**[58] fejn, filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proceduri f'Malta f'dak il-kaz, gie riaffermat li fil-kazijiet ta' lezjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'cirkostanzi applikabbli, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandu dejjem ikun possibli bhala rimedju l-hlas ta' danni mhux pekunjarji.

25. Din il-Qorti tissenjala illi c-cirkostanzi taz-zewg kazijiet citati fir-rikors tal-appell, jixbhu dawk tal-kaz odjern fil-mertu centrali taghhom u fl-elementi li huma relevanti sabiex tigi stabbilita lezjoni lamentata u d-dritt ghal kumpens ghal danni mhux pekunjarji. Dan jinghad ghaliex fit-tliet kazijiet, il-vittmi kienu kollha esposti ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol taghhom, u lkoll mietu b'kundizzjonijiet li kienu kagun tal-espozizzjoni

[58] Deciz 24 ta' Lulju 2014.

kontinwa taghhom ghal asbestos. Fil-fehma kkonsidrata ta' din il-Qorti, huma dawn il-kriterji, maghdud maghhom ukoll it-tul taz-zmien tal-marda li sofrew qabel ma' mietu, u l-ansjeta` u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma kif ukoll, l-eta` tal-vittma, li huma relevanti biex jigi likwidat kumpens ghal danni non-pekunjarji lill-eredi tal-vittmi. Inoltre, din il-Qorti taqbel li anke fil-kaz odjern fil-komputazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghandu jittiehed kont tar-relattivita` ma' kazijiet ohra simili gia decizi.

26. Din il-Qorti thoss li huwa importanti li jigi spjegat u senjalat li l-fattur tal-eta` tal-mewt tal-vittma ghandu piz qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, ghax ghandu jirrizulta car li, hemm differenza kbira fil-kaz fejn il-marda qerrieda tkun hakmet persuna f'eta` relattivament zghira bhal nghidu ahna 60 sena circa u meta l-marda tkun hakmitu meta l-persuna kienet qabzet is-70 sena. Meta l-vittma jkun gie privat minn hajtu f'eta` relattivament zghira, il-familjari tieghu jkunu gew privati mill-prezenza u mill-kumpanija tieghu ghal numru ta' snin li kieku ma hakmitux il-marda, u hekk gara fil-kaz odjern fejn Anthony Pulis miet ta' 67 sena.

27. Fattur iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jigi senjalat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taz-zmien li matulu l-vittma dam isofri mill-marda, f'liema perijodu wkoll il-familjari tieghu jkunu sofrew ansjeta` u dwejjaq meta kienu jaraw lil Anthony Pulis ibati, minhabba l-

marda, sakemm miet. F'dan il-kaz il-Qorti tosserva li r-rikorrenti martu li kienet dejjem vicin zewgha matul il-marda tieghu xehdet permezz tal-affidavit[59] taghha li:

> "Il-marda damet ftit aktar minn sentejn u ghalhekk kellna bzonn hafna ghajnuna u sostenn u ghajnuna prattika u morali.
>
> "7. L-ahhar erba xhur ta'hajtu Anthony ghaddihom l-isptar Boffa u imbaghad l-Onocology Centre f'Mater Dei (7 – 24 Settembru, 2015). Kien jigi amministrat dozi kbar ta'morfina ghaliex l-ugiegh kien qawwi ferm. Dan minbarra l-ugiegh li hu soffra minhabba il-kemoterapija u is- side effects kollha asocjati ma' l-istess trattament".

28. Dan kollu ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti. Fil-fatt fis-sentenza appellata jinghad li l-familja kienet tghix hajja normali sakemm lil Anthony Pulis laqtitu l-marda, meta allura mbaghad "*...zdiedet il-pressjoni fuq ir-rikorrenti u zewgha f'dakli kellu x'jaqsam ma' dhulu hrug fl-isptarijiet, limitazzjonijiet fil-mobilita' tal-pazjent u t-tqabbid ta'ghajnuna minn qraba biex wiehed ilahhaq mal-iskarigg li nqala' f'dan ix-xenarju gdid;*".

29. Ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kull kaz ghandu jigi analizzat minn lenti individwali u fuq il-merti partikolari tieghu, madankollu hija daqstant relevanti l-konsiderazzjoni ta' uniformita` fid-decizjonijiet ta' kazijiet analogi kif osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u dan fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja kif ukoll sabiex din il-Qorti

[59] A fol. 64.

ma taghtix lok hija stess ghal ilmenti ohrajn ta' natura kostituzzjonali. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tiddeciedi mod iehor mill-gurisprudenza lokali jew tal-Qorti ta' Strasburgu in materja, jekk tasal biex temmen illi fil-kaz partikolari quddiemha, ma ghandhomx jigu applikati l-konsiderazzjonijiet maghmulin f'sentenzi ohrajn precedenti fl-istess materja, anke ghaliex kif inhuwa risaput, il-qrati Maltin ma humiex marbutin bil-principju ta' *stare decisis*. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn f'materja ta' komputazzjoni ta' kumpens ghal lezjoni ta' dritt fondamentali sancit fl-artikolu konvenzjonali fuq citat gie osservat:-

> "Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f'certi kazijiet kellha taghti kumpens f'ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-qrati maltin tilfu l-awtonomija taghhom b'mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f'ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja."

30. Madanakollu, huwa pacifiku wkoll illi il-qrati Maltin ma jiskartawx facilment il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, specjalment meta jkunu qeghdin jittrattaw lezjoni taht il-Konvenzjoni, wisq anqas ma jiskartaw gurisprudenza lokali in materja fejn jigi stabbilit illi l-fattispecje tal-kazijiet ikunu analogi. Din il-Qorti tirreferi ghall-kaz ta' Andrew Psaila, deciz b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostitizzjonali][60], li wkoll

[60] **Mary Grace Farrugia et vs Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)** – deciza 31 ta' Jannar 2017.

miet kawza tal-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos fuq il-lant tax-xoghol tieghu. Senjatament, il-vittma kien miet fi zmien qasir wara d-dijanosi ta' marda assocjata mal-asbestos. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-kaz ta' Andrew Psaila, ghalkemm dan il-vittma kien miet meta kien ghadu impjegat mal-Malta Drydocks fis-sena 1980 fl-eta` ta' 60 sena, il-Qorti illikwidat kumpens ghal danni mhux pekunjarju fis-somma ta' €30,000, cioe` somma identika ghal dik likwidata fil-kaz ta' Attard fid-decizjoni **Brincat and others v. Malta**. Il-Qorti mmotivat id-decizjoni taghha fil-kaz ta' Andrew Psaila, kif gej:-

> "Ghal dak li jirrigwarda *non pecuniary damages,* din il-Qorti sejra toqghod fuq il-linji traccjati fil-kaz ta` Brincat. Hemm fost l-applikanti kien hemm l-eredi ta` haddiem kunjomu Attard li miet b`kancer attribwit ghall-esposizzjoni mill-asbestos. Attard miet fl-2006 fl-eta` ta` 61 sena. Fil-kaz tal-lum Psaila miet fl-1988 fl-eta` ta` 60 sena. Il-Qorti sejra tillikwida kumpens fl-ammont ta` €30,000 ghall-vjolazzjoni tal-Art 2 tal-Konvenzjoni u ghall-Art 33 tal-Kostituzzjoni sabiex jinqasam indaqs bejn kull wiehed u wahda bejn l-erba` rikorrenti".

30. Kif diga nghad, jirrizulta li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni d-diversi fatturi rilevanti, inkluzi l-eta` tal-vittma u t-tul tal-marda, sabiex waslet ghal-likwidazzjoni tad-danni morali li akkordat lir-rikorrenti, u din il-Qorti ma tarax raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament ragjonevoli maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhux gustifikat u qed jigi ghalhekk michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb